

Brussell, 8 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11324/25

ECOFIN 961
UEM 392
SOC 504
EMPL 355
ECB
EIB

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Lulju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10338/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2025 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Lulju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuzza l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2025 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, kif approvati mill-Kunsill fl-4110 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Lulju 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ANALIŻIJIET FIL-FOND TAL-2025
SKONT IL-PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROEKONOMIKU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JINNOTA li fl-2024 diversi Stati Membri esperjenzaw żviluppi ekonomiċi relattivament favorevoli li kkontribwew għat-tnaqqis ta' xi wħud mill-vulnerabbiltajiet li ilhom jeżistu u li huma l-bażi tal-iżbilanċi. JENFASIZZA li l-inflazzjoni u l-pressjonijiet tal-kostijiet komplew jonqsu. JIRRIKONOXXI li l-inċertezza żdiedet b'mod sinifikanti f'ambjent ġeopolitiku u kummerċjali li qed jinbidel, u dan żied mar-riskji relatati mal-iżbilanċi.
2. IQIS li l-analiżijiet fil-fond tal-2025 jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membri taħt analiżi. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni ppubblikat ir-rapporti ta' rieżami fil-fond taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fil-bidu tal-2025. JENFASIZZA l-importanza tal-monitoraġġ kontinwu tal-iżbilanċi skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
3. JISSOTTOLINJA r-rwol kruċjali ta' analiżi komprensiva fil-monitoraġġ tal-iżbilanċi eżistenti u fl-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet makroekonomiċi potenzjali. JINNOTA li globalment, il-Kummissjoni użat għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull Stat Membru. JILQA' l-użu ta' analiżi li tħares 'il quddiem u l-valutazzjoni ta' politiki rilevanti, b'kont meħud ukoll tal-gravità u l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi. JENFASIZZA l-importanza tal-indikaturi tal-istokk u tal-fluss fil-valutazzjoni, ir-rwol tal-miżuri ta' politika, u d-dimensjoni tal-UE u taż-żona tal-euro tal-Proċedura. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja kontinwa tal-valutazzjoni tal-effetti kollaterali tal-politiki ekonomiċi nazzjonali. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat trattament ugwali bbażat fuq valutazzjoni oġġettiva tad-data u l-politiki implimentati.

4. JIRRIKONOXXI li d-differenzi fl-inflazzjoni komplew jonqsu, għalkemm id-diverġenzi akkumulati fl-inflazzjoni matul dawn l-aħħar snin huma mdaqqsqa. JINNOTA li t-tkabbir fil-kost ta' unità lavorativa naqas fl-2024, iżda baqa' sinifikanti f'diversi każijiet, f'kuntest ta' swieq tax-xogħol stretti u tkabbir baxx fil-produttività. JINNOTA li l-prezzjonijiet fuq il-prezzijiet u l-kostijiet huma mistennija li jkomplu jonqsu fil-futur qrib, iżda d-diverġenzi x'aktarx li jippersistu.
5. JISSOTTOLINJA li d-defiċits u s-surpluses fil-kont kurrenti f'xi Stati Membri għadhom kbar, li sikwit jirriflettu d-dinamika tad-domanda domestika. JENFASIZZA li f'xi Stati Membri, defiċits kbar tal-gvern jammontaw għal parti sinifikanti tal-ħtiġijiet ta' self estern tal-ekonomija. JINNOTA li l-bidliet fil-bilanċi tal-kontijiet kurrenti huma mbassra li jkunu limitati, kemm għad-defiċits kif ukoll għas-surpluses. L-inċertezza hija għolja u taffettwa b'mod speċjali lill-Istati Membri li huma integrati ħafna fil-kummerċ, inkluż il-ktajjen ta' valur mondjali, u dawk bi ħtiġijiet ta' finanzjament estern kbar. JIRRIKONOXXI li l-Istati Membri b'pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti aktar negattivi bbenefikaw minn aktar titjib, appoġġat minn tkabbir ekonomiku nominali. Madankollu, dan l-impatt huwa mistenni jonqos hekk kif l-inflazzjoni tkompli tonqos.
6. JINNOTA li l-prezzijiet tad-djar kisbu d-dinamiżmu matul l-2024 minħabba ż-żieda fid-dħul u t-tħaffif tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, wara sentejn ta' tkabbir baxx jew negattiv. Madankollu, f'xi Stati Membri, il-prezzijiet tad-djar huma taħt il-livelli massimi preċedenti. JIRRIKONOXXI li f'bosta Stati Membri, il-prezzijiet tad-djar huma mistennija jkomplu jiżdiedu xprunati minn effetti strutturali li ilhom jeżistu, inkluż ostakli għall-provvista tad-djar, politiki tat-tassazzjoni u swieq tal-kiri ineffiċjenti.
7. JINNOTA li fl-2024, f'diversi Stati Membri, id-dejn tal-unitajiet domestiċi u dak korporattiv bħala sehem mill-PDG laħaq l-aktar livelli baxxi tagħhom fi żmien twil. JIRRIKONOXXI li t-teħid ta' self mis-settur privat huwa mistenni jerġa' jiżdied b'kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar faċli. JINNOTA li l-livelli u l-iżviluppi tad-dejn tal-gvern ivarjaw b'mod sostanzjali fost l-Istati Membri tal-UE, hekk kif il-proporzjonijiet tad-dejn komplew jonqsu f'xi Stati Membri, filwaqt li f'xi oħrajn żdiedu dan l-aħħar. JIRRIKONOXXI li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-UE kollha kemm hi ma baqax jonqos fl-2024, u għadu ogħla mil-livell ta' qabel il-pandemija tal-2019, u huwa mbassar li jiżdied bi ftit fis-snin li ġejjin. Dwar politiki mhux mibdula, l-iżviluppi fit-tbassir ivarjaw ukoll fost l-Istati Membri tal-UE. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali hija mistennija li twassal għal tnaqqis jew stabbilizzazzjoni tal-proporzjonijiet tad-dejn fuq it-terminu medju.

8. JENFASIZZA li s-settur bankarju kompla jissaħħaħ, u l-proporzjonijiet kapitali u l-profittabbiltà baqgħu għoljin. JIEĦU NOTA tat-tnaqqis jew l-istabbilizzazzjoni ulterjuri ta' self improduttiv f'dawk l-Istati Membri fejn dawn kienu aktar sinifikanti. Dan huwa prinċipalment dovut għall-ħolqien ta' suq sekondarju effiċjenti għal self improduttiv li issa huwa miżmum minn servizzjanti kbar barra s-setturi bankarji li tipikament joperaw fuq bażi transfruntiera u jibqgħu fil-biċċa l-kbira kkonċentrati fi ftit Stati Membri. JINNOTA li hija meħtieġa viġilanza sostnuta biex tiġi żgurata stabbiltà makrofinanzjarja kontinwa.
9. JIEĦU NOTA li Ċipru u l-Ġermanja ma għadhomx jesperjenzaw żbilanċi fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JINNOTA li f'Ċipru l-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn estern, tas-settur privat u tal-gvern qed jonqsu, anke minħabba tkabbir ekonomiku qawwi, u li d-defiċit tal-kont kurrenti għadu mdaqqa, filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet. JINNOTA li fil-Ġermanja, il-vulnerabbiltajiet relatati mas-surplus kbir fil-kont kurrenti, li kellu rilevanza transfruntiera, naqsu matul is-snin, filwaqt li jeħtieġ li l-isforzi ta' politika jkomplu f'konformità mal-azzjonijiet ta' politika sinifikanti mħabbra.
10. JIEĦU NOTA li l-Estonja ma nstabitx li qed tesperjenza żbilanċi. JINNOTA li f'dawn l-aħħar snin fl-Estonja kienu preżenti vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività tal-prezzijiet u tal-kostijiet li qed jiddeterjoraw fost reċessjoni fit-tul, u li l-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod konsiderevoli, iżda l-vulnerabbiltajiet ġenerali jidhru li bħalissa qed jitrażżnu.
11. JIEĦU NOTA li l-Greċja, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, is-Slovakkja u l-Iżvezja għadhom jesperjenzaw żbilanċi.
12. JIEĦU NOTA li r-Rumanija qed tkompli tesperjenza żbilanċi eċċessivi. JINNOTA li l-vulnerabbiltajiet żdiedu, hekk kif żdiedu d-defiċits doppji tal-gvern u tal-kontijiet kurrenti, u l-kompetittività tal-kostijiet iddeterjorat fir-Rumanija. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' riformi strutturali, u b'mod partikolari daww inkorporati fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tar-Rumanija, biex jissaħħu l-kompetittività, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u jiġi attirat aktar finanzjament mill-UE.

13. JAPPELLA għall-applikazzjoni sħiħa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, fejn xieraq. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' azzjoni politika rapida u kontinwa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari dawk inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, il-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju, u r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew.
-